**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 22 ta` Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 62/2018PA**

**Grazio sive Grezzju Farrugia**

**vs**

**Mario Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-7 ta` Frar 2018 li permezz tiegħu l-attur iddikjara li sab kaxxa li kien fiha *freezer* li ġiet depożitata ġewwa l-għalqa tiegħu msejħa 'Ta` L-imsaqfa', fil-limiti tal-Ġudja, liema *freezer* tappartjeni lill-intimat. Huwa ddikjara wkoll li kellu jikri *crane* sabiex ineħħiha minn ġewwa l-proprjeta` tiegħu għal ġol-proprjeta` tal-istess intimat, bi spiża ta` mitejn, ħamsa u disgħin Ewro (€295) esklussivament tal-attur, liema spejjeż irid li jiġi riżarċit għalihom, bl-imgħax mit-28 ta` Diċembru 2017 sad-data tal-ħlas, minħabba li l-konvenut, interpellat diversi drabi biex jagħmel dan, inkluż permezz ta` ittra uffiċjali, baqa' inadempjenti.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja ta` ittra uffiċjali datata 14 ta` Diċembru 2017 (Dok. GF1, fol. 3) u fattura ta` Roc-A-Go Crane Services datata 28 ta` Diċembru 2017 għall-ammont mitlub mingħand il-konvenut.

Ra r-Riposta tal-konvenut li fiha eċċepixxa li (i) l-art indikata mhix proprjeta` tal-attur, imma tal-Gvern mikrija lill-aħwa kontendenti, u ħuhom iħeor, in solidum; (ii) bla preġudizzju, il-*freezer* proprjeta` tal-konvenut tpoġġa fil-post li kien ilu jokkupa bi qbil u bl-għajnuna tal-attur u allura mhux minnu li sabu hemm; (iii) mingħajr preġudizzju wkoll, l-impriża li ħa l-attur ħadha minn rajh u sempliċement biex ikun dispettuż lejn il-konvenut, u ma kinetx meħtieġa; (iv) mingħajr preġudizzju wkoll, dan l-operat ta` tneħhija u depożitu ikkaġuna ħsara fil-wiċċ tar-raba' tal-konvenut.

Sema' x-xiehda tal-partijiet, u ta` ħuhom Frans Farrugia.

Ra d-dokumenti eżibiti minnhom.

Ra li l-avukati difensuri tal-kontendenti rrimettew ruħhom għall-provi prodotti.

Ikkunsidra li:

Il-kontendenti huma aħwa, u din hija kawża li l-attur qed jagħmel kontra l-konvenut ħuh biex jiġi rimborsat l-ispiża li nkorra biex ċaqlaq *freezer* minn lok għal ieħor.

L-attur **Grezzju Farrugia**[1] xehed li missiehom kien jikri mingħand il-Gvern għalqa magħrufa 'ta` Garnaw ta` l-Imsaqqfa'. Kien qasamhielhom bejn it-tlett aħwa, u kull wieħed applika biex jiġi reġistrat fuq il-parti tiegħu. Il-konvenut kellu *freezer* fil-parti tiegħu, u r-rappreżentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, li żar l-għalqa minħabba fil-ħlas tas-susssidju qallu biex ineħħih. Qal li l-konvenut talbu biex ipoġġih fil-parti tal-attur, sakemm jieħdu Ħal-Far, u l-attur aċċetta. Dan kien sentejn ilu. Pero``' mbagħad

[1] Ara xiehda, 24.4.2018

talbu jneħħih, u kitiblu bl-avukat biex ineħħih, u baqa' ma neħħihx. Sakemm qallu li ma riedx ineħħih, u li jekk ried, seta` jneħħieh l-attur. B'hekk ġiet li neħħieh l-attur spejjeż tiegħu, u nkorra spiża ta` mitejn, ħamsa u disgħin Ewro (€295) biex ġab *crane* u għamel dan.

In kontro-eżami, l-attur qal li sallum għad m'għandux riċevuta ta` qbiela fuq ismu u l-parti fejn kien il-*freezer* lanqas ma hi reġistrata f'isem l-attur minn sid il-kera. Kienu għamlu l-posti bejniethom, u kulhadd kien jaf fejn ried jaħdem. Skond l-attur, dan il-ftehim kienu għamluh bin-Nutar pero`` ma kellux kopja tiegħu. Meta l-*freezer* inġarr għal ġol-għalqa tal-attur, l-aħwa kienu għadhom magħqudin. L-attur qabel ukoll li, fil-parti tiegħu, hemm passaġġ. Huwa insista pero`` li kien jaħdem l-art flok il-*freezer* u f'dawk is-sentejn ma żerax minħabba fih. Illum floku hemm il-qargħa bagħli, u fejn kien hemm is-siġar tal-ekwaliptus għaliex l-aħwa kienu jmorru għall-kaċċa fir-raba'.

L-attur ressaq b'xhud tiegħu lil ħuh **Frans Farrugia**.[2]

Dan spjega li t-tlett aħwa ilhom jaħdmu kull wieħed il-parti tiegħu tletin sena. Huwa kkonferma l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-attur dwar li l-konvenut kellu *freezer* fil-parti tal-għalqa tiegħu, u r-rappreżentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura qallu biex ineħħih minn fejn kien. L-attur ma kienx applika għas-sussidju. Eventwalment, Grezzju talab lill-konvenut ineħħih minn fejn kien, pero`` l-*freezer* baqa' hemm. Ix-xhud ġie muri r-ritratt ta` fejn tpoġġa l-*freezer* pero`` qal li dik il-parti ma jirrikonoxxihiex. Skond ix-xhud, il-passaġġ kien ħallihulhom komuni missierhom.

Xehed ukoll il-konvenut **Mario Farrugia**.[3] Huwa kkonferma li kellu *freezer* fil-parti tal-għalqa tiegħu, u li kellu jneħħih. Żied jgħid li, fuq suġġeriment tal-uffiċjal tal-Għammieri, poġġieh fejn hemm l-ewkaliptus u l-pal tal-bajtar, fil-passaġġ li ma jaħdem ħadd. L-attur ħarat fejn il-kontendenti kienu jipparkjaw. Huwa ċaħad li kien obbliga

[2] Ara xiehda, 24.4.2018
[3] Ara xiehda, 24.4.2018

ruħu li jneħħih minn hemm. Meta l-attur neħħa l-*freezer*, poġġieh lura fl-għalqa tal-konvenut fejn kellu miżrugħ il-ful. Il-*freezer* jintuża minflok kamra.

Ikkunsidra li:

Mill-andament tax-xiehda li sema' t-Tribunal, u l-emozzjoni li seta` jinnota fil-kontendenti, u f'ħuhom imressaq b'xhud mill-attur, it-Tribunal fehem li l-kwistjoni tal-*freezer*, u l-lok fejn tpoġġa u minn fejn tneħħa, hija parti minn kwistjoni ferm akbar li għandhom bejniethom it-tlett aħwa Farrugia, u li rathom jinqasmu tnejn fuq naħa (l-attur u ħuh Frans Farrugia), u l-konvenut fuq naħa oħra.

Hemm qbil bejn il-kontendenti li l-għalqa in kwistjoni mhijiex proprjeta` tagħhom, imma tal-Gvern, li kienet imqabbla lil missier il-kontendenti Farrugia, u li għalkemm qasmuha bonarjament bejniethom, sid il-kera sallum baqa' ma rrikonoxxiehomx bħala gabillotti individwali tal-parti rispettiva li kull wieħed minnhom jiddetjeni.

Wara li qies ix-xiehda tal-kontendenti u ta` ħuhom Frans Farrugia, li deher l-aktar wieħed emozzjonat bil-kwistjonijiet li l-aħwa għandhom bejniethom, u wara li ra r-ritratt preżentat mill-attur li juri fejn kien il-*freezer* qabel inkorra l-ispiża reklamata minnu b'din l-azzjoni biex iċaqilqu, it-Tribunal mhux moralment konvint mill-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-attur.

L-attur jikkontendi li kellu bilfors ineħħi hu dan il-*freezer* mill-parti tal-għalqa tiegħu li kien jaħdem, għaliex kien qed ifixklu fit-tgawdija ta` ħwejġu, u b'mod partikolari kien qed iżommu milli jaħdem dik il-parti tal-għalqa billi jiżra' uċuħ fiha. Pero``' mir-ritratt eżibit mill-konvenut, u markat 'Dok. MF1', ma jidhirx li dan tqiegħed fuq art maħduma, u lanqas fil-viċinanzi ta` art maħduma. Jidher li tqiegħed f'parti fejn hemm passaġġ li jwassal għal fejn hemm imħawwlin xi siġar. Il-kontendenti u ħuhom Frans Farrugia ma jiċħdux li fl-għalqa hemm passaġġ; skond il-konvenut, dan huwa intiż għall-użu komuni u l-attur ħartu, filwaqt li l-attur jgħid li din il-parti hija tiegħu. It-

Tribunal ma jifhimx kif u l-kontendenti, meta ra dan ir-ritratt markat 'Dok. MF1', qal li dak li jidher fih ma jagħrfux, meta hemm qbil li din l-għalqa ilhom jafuha tajjeb żmien twil, u jaħdmuha bejniethom tletin sena.

Kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li l-konvenut kien irriloka dan il-*freezer* għal ġo art li messet lilu, u li allura tinsab fil-pussess esklussiv tiegħu, u li jressaq l-aħjar prova ta` dan.  Biss biss l-attur messu pproduċa t-titolu li jistrieħ fuqu, li skond hu jagħtih detenzjoni esklussiva tal-parti fejn il-konvenut poġġa dan il-*freezer*, liema titolu pero``' baqa' ma ġiex eżibit.

Mill-banda 'l oħra, il-konvenut naqas li jipproduċi kopja tat-tweġiba tiegħu għall-ittra uffiċjali li bagħatlu l-attur fl-14 ta` Diċembru 2018, fejn kien imsejjaħ b'mod mill-aktar ċar biex jiddikjara l-pretensjonijiet tiegħu dwar dan il-*freezer*, u mwissi dwar x'kien ser jigri fin-nuqqas.  It-Tribunal ser iqis dan in-nuqqas tal-konvenut fil-kap tal-ispejjeż.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u jiċħad it-talba tal-attur.

Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha f'din il-kawża.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**